**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. ROBERT G. MANGION LL.D**

**ILLUM, IS-7 TA' FRAR 2020**

**Rikors Inibizzjoni Nru. 50/2020 RGM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 50/2020 fl-ismijiet:

**Fish and Fish Limited (C14268)**

**vs**

**(1) Direttur Ġenerali Sajd u Akwakultura u**
**(2) Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-10 ta' Jannar 2020, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, is-soċjetà rikorrenti talbet li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżżomm lill-intimati milli

**Fi kwalsiasi mod tiehu jew tordna it-tehid ta' passi li jwasslu ghat-tharrib fil-bahar ta' hut Bluefin Tuna, proprjeta tal-mittenti u li huma nkluzi u deskritti fl-ICCAT Bluefin Catch Dcoument BCD numri IT19900721-LT01, IT19900764, IT19900785-LT01 u IT19900778-LT01 u li qieghdin prezentement "on tow".** (ara dokumenti mehmuza FF1 sa FF4)

1. Illi dalghodu stress l-intimati rcevew email (dokument DG) mibghuta mid-Direttur Generali Intimat li tikkontjeni ordni ghat-tharrib tal-istess hut:

   "*For the above reasons, the Commission informed Malta that it must take action with regards to this situation to rectify it. In this regard, <u>the Fish on tow shall be released</u>, following the conducting of a Control Transfer. The DFA will communicate with you the date of this operation, weather permitting.*"

2. Illi l-mittenti hija kumpannija Maltija licenzjata biex topera f' Malta stabbilimenti tal-akkwakultura ghat-tkabbir tat-Tonn.

3. Illi l-mittenti xtrat il-hut in kwistjoni minghand sajjieda awtorizzati li qabbdu l-istess hut fl-istagun tas-sajd tas-sajf tal-2019. Il-hut koncernat inqabad legalment (dan kif jirrizulta anke mill-email premessa dok. DG) u fir-rispett tal-kwoti u regolamenti kollha applikabbli ghas-sajd tat-Tonn fil-Mediterran u dan jirrisulta mid-dokumenti ezebiti FF1 sa FF4. Il-hut imbaghad tpogga go gageg ghat-trasport u ngarr ingarr fil-bahar biex eventwalment ingab Malta ghat-tqeghid gol-istabbiliment tal-akkwakultura tar-rikorrenti.

4. Illi l-hut in kwistjoni ghalhekk huwa proprjeta tar-rikorrenti.

5. Illi ricentement id-Direttur Generali intimat wissa lill-mittenti li kien qed jahseb biex jipprocedi sabiex iharrab il-hut in kwistjoni.

6. Illi il-hut in kwistjoni huwa proprjeta tal-mittenti u nxtara validament skond il-ligi bl-gharfien tal-awtoritajiet kollha kompetenti. Il-hut in kwistjoni huwa kollu hut li fil-konfront tieghu inharget d-dokumentazzjoni kollha mehtiega biex jigi certifikat il-legalita u t-tjubija tieghu, inxtara a bazi ta' dawn ic-certifikati mill-esponenti li hallsu il-prezz tal-hut lis-sajjieda u li kwindi huwa proprjeta tar-rikorrenti. Jekk ghal xi raguni il-hut ma setghax jitqieghed fil-gagga fl-istagun 2019 ma hemm xejn li jipprojbixxi lil sidu milli jqieghdu fil-gagga fis-sena korrenti 2020 jew li jaghmel uzu mod iehor tal-istess. Ma hemm xejn fil-ligi li tobbliga lill-proprjetarju tal-hut li jharrab l-istess jekk il-hut ma jigix mqieghed f' gagga sa data partikolari. Evidentement hawnhekk si tratta ta' kwantita kbira ta' hut li nqabbdet legalment u li nxtrat mis-sajjieda bi prezz konisderevoli.

7. Illi fl-email document DG id-Direttur Generali jghid testwalment li:

"While the fish in question were legally caught…"

8. Illi d-decizjoni tad-Direttur Generali li jitharrab il-hut hija nulla u ineffettiva billi *ultra vires* il-poteri tieghu u/jew imsejsa fuq apprezzament sbaljat tal-ligijiet u tal-fatti applikabbli ghall-kaz u/jew fic-cirkostanzi tal-kaz mhux ragjonevoli. Ioltre d-decizjoni tad-direttur Generali ma hijiex skond il-ligi.

9. Illi b' mod sinnifikanti ma hemm imkien miktub f' ebda regolament li hut li jinqabad legalment u skond il-kwoti u regolamenti kollha vigenti, ghandu jitharrab semplicement ghaliex ma jitqieghedx fil-gagga entro terminu preciz.

10. Illi evidentement jekk hemm allegazzjoni li l-hut sar "illegali" allura il-dipartiment huwa obbligat li jipprocedi skond il-ligi ghar-rilaxx jew il-konfiska tal-hut in kwistjoni. Skond il-kap. 425 hija il-Qorti tal-Magistrati li ghandha is-setgha, f' kazijiet migjuba quddiemha b' ilment tad-Direttur Generali, li tordna id-distruzzjoni jew il-konfiska ta' hut illgeali. Evidentement id-Direttur ma ghandux id-dritt li jiddikjara di sua sponte li hut huwa illegali u jagixxi unilateralment a bazi ta' dik id-dikjarazzjoni.

11. Jlli ghandu jigi rilevat f' dan ir-rigward li sallum id-Direttur intimat ma ha ebda pass bil-qorti fil-konfront tal-mittenti fir-rigward tal-hut in kwistjoni.

12. Gahndu ukoll jigi rilevat li l-ligi applikabbli ma tipprovdi ghal ebda appell ad hoc f' kaz ta' decizjoni tad-Direttur Generali ta' dan it-tip. Ma jistghax ikun li Direttur Generali ghandu is-setgha li jiddikjara hut illegali u jipprocedi bl-akbar penali possibbli fil-ligi, minghajr ma l-istess decizjoni tigi preventivament avallata minn Qorti. Dan ma huwiex il-kaz ta' xi imposizzjoni ta' xi multa amministrattiva imma effettivament id-distruzzjoni jew ic-cahda kompleta ta' dritt ta' proprjeta minhabba allegazzjoni ta' illegalita, liema allegazzjoni hija kompletament michuda bhala kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt.

13. Illi l-esponenti ma jistghux jigu mcahhda mit-tgawdija tal-proprjeta taghhom hlief skond il -ligi. Jigi rilevat li l-ligi vigenti mkien ma timpani din is-sanzjoni bhala konsegwenza tal-fatti odjerni.

14. Illi ma hemm miktub f' l-ebda regolament li t-Tonn li ma jigix imqieghed fil-gagga sa data partikolari jigi mharrab; jekk ghal xi raguni ma jkunx possibbli li jigi kompletat it-tqeghid fil-gagga tal-hut, sid il-hut ghandu d-

dritt skond il-ligi li jiddisponi minn dak il-hut kif jidhirlu hu fost l-ohrajn billi jbieghu jew billi joqtlu.

15. Illi prezentement il-hut in kwistjoni jinsab fi transport cages diversi mili ‘l-boghod mill-ibhra Maltin. Iz-zamma tal-hut in kwistjoni ma hi ser tikkaguna ebda problema lill-Gvern Malti.

16. **Illi ulterjorment qieghda tigi kkontestata l-kompetenza tad-Direttur Intimat li johrog tali ordni billi l-hut inqabad minn sajjieda Taljani u d-dokument kollha gew validati mill-Awtoritajiet tas-Sajd tal-Italja. Skond ir-regoli Ewropej fil-materja u skont ir-rakkomandazzjoni tal-ICCAT huma l-Awtoritajiet tas-Sajd tal-Italja li ghandhom il-kompetenza li jiehdu decizjonijiet dwar l-istess hut.**

17. Illi jinghad ghal kull buon fini li precedentent l-esponenti ipprezentat lill-intimati b’ ittra ufficjali fejn wissietu biex ma jiehux passi bhal dawn fil-konfront tal-hut in kwistjoni.

18. L-esponenti jirriserva kull azzjoni lilu spettanti naxxenti mill-agir premess tal-intimati.

19. Illi stante l-urgenza u s-sensittivita tal-kaz l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha takkorda l-mandat provizorjament u dan ghaliex jekk il-hut jitharrab l-esponenti ser ikunnu soffrew dannu irrimedjabbli u dan kif jigi pprecizat ulterjorment waqt is-smigh tal-kawza.

Rat ir-risposta mressqa mill-intimati fil-21 ta’ Jannar 2020, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħu għat-talba tas-soċjetà rikorrenti u jgħidu kif ġej:

Illi permezz ta’ rikors ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni, ir-rikorrenti qegħdha titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex iżżomm l-intimati milli “*Fi kwalsiasi mod tieħu jew tordna t-teħid ta’ passi li jwasslu għat-tħarrib fil-baħar ta’ ħut Bluefin Tuna, proprjeta tal-mittenti u li huma nklużi u deskritti fl-ICCAT Bluefin Catch Document BCD numri IT19900721-LT01, IT19900764, u IT19900785-LT01 u IT19900778-LT01u li qiegħdin preżentement on tow.”.*

L-esponenti jissottomettu li t-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi muri.

**Il-fatti**

a) Illi l-Unjoni Ewropea għandha kompetenza esklussiva fil-qasam tal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar fil-qafas tal-politika komuni tas-sajd u dan ai termini tal-artikolu 3(1)(d) **tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea - Trattat dwar l-Unjoni Ewropea**;

b) Illi l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd inkluż il-kwota ta' kemm jista' jiddaħħal tonn tal-pinna l-blu fil-*fish farms* tal-Istati Membri hu determinat mill-Kunsill tal-Ministri tal-Unjoni Ewropea fuq proposta tal-Kummissjoni Ewropea u dan kif jirriżulta minn artikolu 43(3) tat-**Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea - Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;**

c) Illi l-ammont ta' tonn tal-pinna l-blu li jista' jiddaħħal fil-*fish farms* tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huwa stabbilit permezz ta' kwoti li joħorġu minn Regolament tal-Unjoni Ewropea li joħroġ fil-bidu ta' kull sena. Għas-sena 2019, il-kwoti ġew stabbiliti permezz ta' *Council Regulation (EU) 2019/124 of 30 January 2019 fixing for 2019 the fishing opportunities for certain fish stocks and groups of fish stocks, applicable in Union waters and, for Union fishing vessels, in certain non-Union waters"* kif emendat minn *Council Regulation (EU) 2019/1097 tas-26 ta' Ġinju 2019*. F'dan ir-rigward l-esponenti jagħmlu referenza għall-artikolu 18(6) tar-Regolament kif konsolidat (estratt tar-Regolament qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala'Dok DG1') ;

d) Illi għalkemm joħroġ Regolament kull sena, sa issa l-kwota ta' Malta dejjem baqgħet l-istess. Il- kwota ta' Malta ta' kemm jista' jiddaħħal tonn tal-pinna l-blu fil-gaġeġ għas-sena 2019 kienet ta' **8,786 tunnellata** kif jingħad f'Anness IV tal-verżjoni konsolidata tar-Regolament 2019/124 imsemmi. (ara Dok 'DG1');

e) Illi l-kwoti kif stabbiliti permezz tar-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea ma jistgħux jinbidlu jekk mhux bil-permess tal-Unjoni Ewropea u approvati mill- International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas (ICCAT). Jingħad hawnhekk illi fis-sena 2018 Malta kienet għamlet talba sabiex tiġi utilizzata parti mill-kwota tal-Italja li ma kienitx ġiet utilizzata, liema talba kienet ġiet milqugħa b'sett ta' kundizzjonijiet. Hija prerogattiva tal-Unjoni Ewropea jekk taċċettax dawn it-tip ta' talbiet. Għas-sena 2019, saret l-istess talba mill-Istat Malti iżda l-Kummissjoni Ewropea għażlet illi ma taċċettax din it-talba;

f) Illi l-kwota allokata lil Malta hija maqsuma bejn l-operaturi Maltin kollha. Skont l-artikolu 10 tar-Regolament 1627/2016 tal-14 ta' Settembru 2016 "*on a multi-annual recovery plan for bluefin tuna in the eastern Atlantic and the Mediterranean, and repealing Council Regulation (EC) No 302/2009*, kull sena Malta tissottometti lill-Unjoni Ewropea pjan li jinkludi il-pjanijiet għall-ġestjoni tat-trobbija tat-tonn tal-pinna l-blu. Dan il-pjan imbagħad jiġi magħdud mal-pjanijiet 'l oħra tal-Istati Membri u jifforma l-pjan tal-Unjoni. Dan il-pjan imbagħad jiġi sottomess lill-ICCAT li taddottah. Il-pjan tal-Unjoni Ewropea għas-sena 2019 qed jiġi anness u mmarkat bħala "Dok DG2". F'dan il-pjan insibu il-kwoti tal-fish farms kollha inkluż tal-kumpanija rikorrenti;

g) Jingħad illi l-kwota tal-kumpanija rikorrenti qatt ma nbiddlet. Jirriżulta illi l-kwota tal-kumpanija rikorrenti hija dik **ta' 2,138 tunnellata,** li għas-sena 2019 żdiedet għal **2,285.888 tunnellata** peress illi kien hemm *fish farms* Maltin oħrajn li ma utillizzawx il-kwota kollha tagħhom u d–Direttur Ġenerali tas-Sajd u Akkwakultura iddeċieda illi l-kwota ta' Malta li ma ġietx utilizzata, tiġi assenjata lill-*fish farms* oħrajn li riedu jutilizzaw dik il-kwota. Fosthom kien hemm il-*fish farm* tal-kumpanija rikorrenti**;**

h) Illi sabiex it-tonn ikun jista' jiddaħħal fil-*fish farms,* il-kumpanija rikorrenti titlob l-awtorizazzjoni tal-esponent Direttur li wara li jagħmel il-verifiki neċessarji jagħti d-deċiżjoni tiegħu. Ma hemm bżonn ebda awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet Maltin biex il-ħut jinxtara. Ovvjament ix-xiri irid ikun in linea mar-regolamenti viġenti;

i) **Illi l-kumpanija rikorrenti utilizzat il-kwota kollha tagħha għas-sena 2019, senjatament daħħlet il-massimu ta' tunnellaġġ ta' tonn tal-pinna l-blu fil-*fish farm* tagħha u għaldaqstant ebda tonn ieħor maqbud fis-sena 2019 ma jista' jiddaħħal fil-*fish farm* tagħha;**

j) Illi ż-żmien meta t-tonn tal-pinnu l-blu jista' jinqabad u ż-żmien meta jista' jiddaħħal fil-*fish farms* huwa wkoll regolat. Skont artikolu 11 tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea "*Regulation (EU) 2016/1627 of the European Parliament and of the Council of 14 Spetember 2016 on a multiannual recovery plan for bluefin tuna in the eastern Atlantic and the Meditteranean, and repealing Council Regulation (EC) No 302/2009" ,* sajd għat-tonn tal-pinna l-blu bil-*purse seiners* fil-Mediterran, (kif fil-fatt hu t-tonn mertu tal-mandat odjern li l-kumpanija rikorrenti tixtieq iddaħħal fil-*fish farms* tagħha), jista' jsir biss bejn is-26 ta' Mejju u l-1 ta' Lulju. L-artikolu 40(5) jistipula imbagħad illi t-tonn tal-pinna l-blu jrid jiddaħħal

fil-*fish farms* qabel il-15 ta' Awwissu.[1] Huwa biss jekk ikun hemm raġunijiet ġustifikati li dan il-perjodu jista' jinqabeż iżda fi kwalunkwe każ ma jistax jaqbeż is-7 ta' Settembru u dan kif jirriżulta minn punt 95 tar-rakkomandazzjoni Nru 18-02, emendata minn rakkomandazzjoni nru 19-04 tal-International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas (ICCAT)[2]. Jingħad hawnhekk illi din il-Kummissjoni hija maħluqa biex tassigura li qed tiġi implimentata l- *International Convention for the Conservation of Atlantic Tunas*, li l-Unjoni Ewropea hija firmatarja tagħha. Għaldaqstant l-Unjoni Ewropea u allura l-Istati Membri tagħha huma marbuta bir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT u l-Unjoni Ewropea għalkemm tista' tilleġisla miżuri aktar restrittivi minn dawk maħruġin mill-ICCAT, ma tistax tmur kontrihom;

k) Illi dan ifisser illi fi kwalunkwe każ, anke kieku l-kumpanija rikorrenti għadha ma utilizzatx il-kwota kollha tagħha ta' kemm tista' ddaħħal tonn tal-pinna l-blu fil-*fish farms* tagħha, ċertament illi r-Regolamenti hawn fuq imsemmija iżżomuha milli issa jew fil-futur ddaħħal dan it-tonn;

l) **Illi ma hemm ebda proċedura li taħseb għaliha l-liġi, li permezz tagħha tista' tiġi ssanata l-pożizzjoni tal-kumpanija rikorrenti vis-a-vis il-ħut mertu tal-każ odjern;**

m) Illi bħalissa dan il-ħut mhuwiex qiegħed 'in tow' u dan peress illi dan huwa ħut li nqabad fis-Sajf tal-2019 u ma jistax ikun illi ilu jinġarr u għadu qiegħed jinġarr għall-Malta minn dak iż-żmien 'l hawn. Effettivament dan il-ħut jinsab f'gaġeġ **fl-ibħra Maltin,** li għalkemm mhumiex mmażrati fil-post, qegħdin jitħallew fl-istess żona u m'għadhux *in transit* u l-ħut qed jiġi mitmugħ mill-kumpanija rikorrenti b'dan illi l-kumpanija rikorrenti qiegħdha topera speċi ta' '*fish farm'* ieħor, illegali minn kull aspett mingħajr ebda awtorizazzjoni jew permess;

n) Illi l-bastimenti li magħhom huma marbuta dawn il-gaġeġ u l-gaġeġ li fihom jinsab il-ħut mertu tal-każ odjern huma wkoll Maltin;

o) Illi għalkemm kienet ntalbet awtorizzazzjoni biex dawn il-gaġeġ jiġu mmażrati u l-ħut jintema', din it-talba kienet ġiet irrifjutata mill-esponent Direttur Ġenerali tas-Sajd u Akkwakultura;

---

[1] Estratt tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea Nru 2016/1627 qed jiġi anness bħala 'Dok DG3').

[2] Estratt mir-Rakkomandazzjoni 18-02 "*Recommednation by ICCAT establishing a multi-annual management plan for bluefin Tuna in the eastern Atlantic and the Meditteranean Sea"* u estratt minn Rakkomandazzjoni 19-04 "*Recommendation by ICCAT amending the recommendation 18-02 establishing a multi-annual management plan for bluefin tuna in the Eastern Atlantic and the Meditteranean"* qed jiġu hawn annessi u mmarkati 'Dok DG4' u 'Dok DG5' rispettivament.

p) Illi l-Kummissjoni taf bis-sitwazzjoni mertu tal-mandat odjern u bagħtet il-pożizzjoni tagħha fuq dan il-ħut fejn dderiġiet lill-Istat Malti sabiex jieħu l-passi neċessarji biex din l-illegalita' ma tkomplix tippersisti;

q) Illi għar-raġunijiet hawn fuq spjegati d-Direttur Ġenerali irrifjuta li jawtorizza lill-kumpanija rikorrenti sabiex idaħħal it-tonn mertu tal-mandat odjern fil-*fish farm* tagħha u f'dan l-istadju ma hemm ebda triq oħra ħlief illi dan it-tonn jiġi rilaxxjat minn ġol-gaġeġ li jinsab fihom u dan sabiex ma tkomplix tippersisti l-illegalita';

r) Illi f'dan l-istadju jekk il-kumpanija rikorrenti mhux ser tirrilaxxja l-ħut, id-Direttur Ġenerali tas-Sajd u l-Akkwakultura ser jgħaddi biex jippreżenta kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jittieħdu passi kriminali kontra l-operatur in kwistjoni;

**Ir-rekwiziti legali sabiex ikun jista' jinhareg mandat ta' inibizzjoni**

Illi, l-esponenti sejrin jghaddu issa sabiex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom fil-qosor dwar ir-rekwiziti ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni.

Id-disposizzjoni li tirregola procediment tax-xorta tal-lum hija l-Art 873 tal-Kap 12. L-artikolu huwa kompost minn erba` subincizi. Dawk rilevanti ghall-kaz tal-lum huma l-ewwel tlieta. Ighidu hekk :-

*"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

*(3) Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel malistess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma."*

L-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-Aritkolu 873 tal-Kap. 12 hija illi sabiex ikun jista' jinhareg il-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Gvern, iridu jigu

sodisfatti l-elementi kollha rikjesti b'mod kumulattiv u cioe' is-subincizi (1), (2) u (3) tal-imsemmi artikolu.

Illi kif ġie ritenut fil-provvediment fl-ismijiet **Federation of English Language Teaching of Malta (FELTOM) et vs Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u tibdil fil-Klima et**[3] deċiża fid-9 ta' Ġunju 2016:

"Minn analizi tas-subincizi (1), (2) u (3) tal-Art 873 tal-Kap 12 kif inhuma llum, wiehed isib illi din il-Qorti hija prekluza milli ("**m`ghandhiex**") tordna l-hrug tal-Mandat kontra l-Ministri ntimati – jew min minnhom - kif qeghdin jirrikjedu rrikorrenti, sakemm ma jirrikorrux dawn ir-rekwiziti :-

i) Illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti ;
ii) Illi r-rikorrenti prima facie jidher li ghandhom dawk il-jeddijiet ;
iii) Illi jrid ikun hemm konferma mill-intimati fil-qorti bil-miftuh li l-haga li taghha qed tintalab iz-zamma tkun fil-fatt mahsuba li ssir ;
iv) Illi l-qorti tkun sodisfatta li l-pregudizzju li jinholoq lir-rikorrenti, kemm –il darba ma jinharigx il-Mandat, ikun sproporzjonat meta mqabbel ma` l-istess ghemil tal-haga li r-rikorrenti jitolbu li tigi mizmuma.

Illi gie wkoll ritenut illi mandat ta' inibizzjoni "huwa mezz eccezzjonali u mhux normali ta' provediment legali u l-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu **jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli** … It-tiftix li trid taghmel il-Qorti huwa jekk, bl-ghamil li minnu qieghed jibza r-rikorrenti, **jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu** filwaqt li hareg it-talba ghall-hrug tal-Mandat[4]" [enfazi mizjuda mill-esponenti].

L-esponenti jirreferu ghall-provvediment fl-ismijiet **Dr Kenneth Grima noe vs Id-Direttur Generali tal-Kuntratti** (Mandat ta' Inibizzjoni numru 288/2013) moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Marzu 2013 fejn gie osservat illi:

"Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, <u>mhux kompitu </u>ta' dina il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma' jista' jew m'ghandu jippretendi li mad-'daqqa t'ghajn' ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura <u>specjali u partikolari </u>tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li

[3] Mandat ta' Inibizzjoni Numru 814/2016.

[4] **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici**, Prim Awla tal-Qorti Civili deciza fil-25 ta' Jannar 2005; **Angelo Xuereb vs Marin Hili**, Qorti tal-Kummerc, Rikors numru 3135/94 deciza fit-22 ta' Settembru 1995.

tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni. Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali. Ghalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat jekk il-hsara lamentata mir-rikorrenti tkun tista' tigi rimedjata mod iehor".

Illi l-htiega ghall-hrug ta' Mandat bhal dan tintrabat sewwa mal-fatt jew il-hsara li minnha l-parti tar-rikorrenti tilmenta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitnehha imqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu jigi nieqes it-tieni element ghall-hrug tal-mandat. Hija gurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana li r-rekwiżit li l-mandat ikun mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, mhuwiex sodisfatt f'kaz illi l-pretensjoni tar-rikorrenti hija ntiza sabiex tirkupra danni. **Jiġfieri jekk sitwazzjoni tista' tiġi rimedjata b'azzjoni għar-riżarċiment għad-danni allura l-ħruġ tal-mandat ma jibqax iktar neċessarju u impellenti** (ara f'dan is-sens id-digriet **L-Avukat Dottor John Ludvic Gauci noe vs. Id-Direttur tal-Kuntratti** ġa fuq imsemmi).

**Il-mertu tar-rikors**

Illi traccjati l-fatti saljenti u r-rekwiżiti essenzjali biex il-Qorti tordna l-Mandat ta' Inibizzjoni, l-esponenti jissottomettu li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet li sejrin jigu spjegati hawn taht.

- **Talba sabiex jigi inibit id-Direttur Ġenerali tas-Sajd fejn huwa indikat bhala imharrek l-Avukat tal-Istat**

Illi l-esponenti huma konsapevoli li f'kuntest ta' talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jinghatawx eccezzjonijiet ta' nuqqas ta' *locus standi* madanakollu l-esponenti ma jistghux ma jirrimarkawx illi minkejja li huwa car mill-mandat in risposta li t-talba kif inhija mpostata hija diretta unikament lejn id-Direttur Ġenerali tas-Sajd, xorta wahda r-rikorrenti harrket inutilment f'dawn il-proceduri lill-esponent Avukat tal-Istat.

- **Obligazzjoni *di non fare* u mhux *di fare***

L-esponenti jissottometti li l-iskop aħħari tal-mandat ta' inibizzjoni li qed jintalab mhux biex l-esponenti jitwaqqfu milli jaghmlu xi haga kif fl-aħħar mill-aħħar huwa l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni, iżda biex l-esponenti jigu mgieghla jaghmlu xi haga. In fatti minn qari tar-rikors in risposta nsibu li dak li qed jintalab huwa effettivament illi r-rikorrenti trid li tiġi awtorizzata li ddaħħal it-tonn mertu tal-mandat odjenr fil-*fish farm* tagħha. Altrimenti ma

jkun hemm ebda lok għall-mandat odjern għaliex it-tonn ċertament illi ma jistax jibqa' jistenna f'gaġeġ mhux awtorizzati barra l-*fish farm* tal-kumpanija rikorrenti sakemm tiġi deċiża l-eventwali kawża fuq il-mertu ta' dan il-mandat;

Illi dan juri li dak li qed tipprova taghmel ir-rikorrenti ghalhekk ma jinkwadrax f'kuntest ta' mandat ta' inibizzjoni fejn tali mandati jistghu jintalbu u jinhargu biss sabiex persuna titwaqqaf milli taghmel xi haga u mhux sabiex persuna (f'dan il-kaz id-Direttur Ġenerali tas-Sajd) jaghti l-awtorizzazzjoni sabiex it-tonn jiddaħħal fil-gaġeġ.

Illi f'dan ir-rigward l-esponenti jaghmlu riferenza ghad-digriet fl-ismijiet "***Geoffrey Bartolo vs Il-Kummissjoni ghas-servizz pubbliku; is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima"*** (Rik. Nru. 1737/17JRM), fejn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-4 ta' Jannar 2018 kkunsidrat illi:

*"Tqis li f'dan ir-rigward l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat jieħu xejra oħra. Dan qiegħed jingħad għaliex, fl-ewwel lok, huwa magħruf li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni* ***<u>ma tagħtix lok għal specific performance</u>****, iżda għal rimedji oħrajn.* ***<u>Wara kollox, il-Mandat ta' inibizzjoni ma jistax ħlief jirrigwarda obbligazzjoni di non fare</u>****."* (Sottolinjar tal-esponenti)

L-esponenti jagħmlu referenza wkoll ghall-provvediment tad-19 ta' Gunju 2017 fl-ismijiet **Michael Rizzo et vs Demar Properties Limited** (rikors numru 767/2017JRM) fejn gie osservat illi "*Tqis li, b'rabta ma' dan irid jinghad ukoll li huwa maghruf li talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma taghtix lok ghal specific performance, izda ghal rimedji ohrajn (Ara Kumm. 22.9.1994 fl-Atti tar-rikors fl-ismijiet Angelo Xuereb vs Marin Hili). Wara kollox, il-Mandat ta' inibizzjoni ma jistax hlief jirrigwarda obbligazzjoni di non fare (P.A. 23.4.1958 fil-kawza fl-ismijiet Zerafa vs Buhagiar (Kollez. Vol: XLII.ii.983); Tqis ukoll li, kien inghad f'kazijiet ohrajn, ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghil (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hija tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din".*

**Ġrajja li diġa' seħħet**

Illi magħdud ma' dak li diġa' ntqal l-esponenti jissottomettu wkoll illi Mandat t'Inibizzjoni jista' jigi akkordat BISS sabiex iwaqqaf lill-intimati milli jaghmlu xi haga li tkun ghadha ma sehhitx u mhux sabiex tiġi revokata xi haga li diga sehhet. F'dan ir-rigward, l-esponenti jagħmlu referenza għad-digriet fl-ismijiet **Joe Saydon et vs Hon Joseph Muscat Prim Ministru et**[5] li ngħata wara Mandat t'Inibizzjoni minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-10 ta' April 2015 fejn il-Qorti qalet hekk:

"*Mandat ta' Inibizzjoni ma jinħariġx fejn il-ħaġa li tkun trid tinżamm milli tiġri* ***tkun fil-fatt ġrat****."*[enfasi u sottolinear tal-esponenti]

Illi l-Qorti kompliet billi qalet hekk:

"[I]*l-mod kif tressqet it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat hija mod kif torbot lill-intimati, jew lil min minnhom, biex jagħmlu xi ħaġa (jiġifieri li tordnalhom li joħorġu liċenza mġedda dwar kull wieħed u waħda mir-rikorrenti) fil-waqt li l-****Mandat ta' Inibizzjoni jista' jintalab biss għal ħaġa "di non fare****""*[enfasi u sottolinear tal-esponenti]

Illi b'zieda mal-insenjamenti hawn fuq ccitati, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili permezz ta' digriet tal-5 ta' Jannar 2019 (1971/2018) fl-ismijiet **"Galaxy Limited Vs Direttur Generali tad-Dipartiment tad-Dwana"** kkunsidrat illi "*Fost l-oħrajn u kardinalment huwa miżmum illi mandat ta' inibizzjoni huwa ntiż biss biex iżomm milli jedd pretiż jiġi kalpestat b'mod irrimedjabbli.* ***Dan isegwi illi dak mitlub li jiġi miżmum milli jseħħ sine qua non irid ikun għadu filfatt ma seħħx. Filfatt mandat ta' inibizzjoni m'għandux effett retroattiv u ma jistax jintuża bħala għodda biex il-fatt allegatament sinistru jiġi mressaq lura jew xolt****."* (Sottolinjar tal-esponenti)

Illi l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-digriet taghha (Mandat ta' Inibizzjoni numru 1125/2019 JVC) "**Newark School Malta Limited (C73894), Future Focus Limited (C27454) Vs. Direttorat Ghal Kwalita' u Standards fl-Edukazzjoni u Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol**" kkunsidrat illi meta dipartiment tal-gvern ikkomunika decizjoni lill-persuna jew socjeta' kkoncernata, il-Qorti ma tistax tirrevoka dak li gia kien gie deciz qabel ma gie intavolat il-mandat ta' inbizzjoni:

"*Il-Qorti tqis li fuq dak li hemm deciz u miktub fl-email tal-20 ta' Awissu, 2019 hija* ***ma ghandha ebda poter fil-ligi li tirrevoka dak li gia kien gie deciz qabel ma gie ntavolat il-mandat odjern****;"* (Sottolinjar tal-esponenti)

---

[5] Mandat Nru. 537/2015/1 JRM.

Illi fil-każ odjern, id-Direttur Ġenerali tas-Sajd diġa' kkomunika l-pożizzjoni tiegħu u dan permezz tal-e-mail mibgħuta fl-10 ta' Jannar 2020, annessa bħala 'Dok DG' mar-rikors in risposta u ma fadallu ebda deċiżjoni x'jieħu fir-rigward. Il-pożizzjoni tad-Direttur Ġenerali hija kristalizzata fl-e-mail imsemmija. Għaldaqstant ma għadx fadal x'jiġi inibit milli jagħmel l-esponent Direttur u l-Qorti ma tistax tirrevoka dak li diġa' sar qabel ma ġie ntavolat il-mandat.

L-esponenti jirrelevaw ukoll illi l-istadju li jmiss huwa illi jekk il-kumpanija rikorrenti mhijiex sejra taderixxi ruħha mal-liġijiet viġenti hawn fuq indikati u tirrilaxxa t-tonn mertu tal-każ odjern, l-unika triq li jibqagħlu d-Direttur Ġenerali huwa illi jitlob lill-Pulizija illi jittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tal-operatur in kwistjoni u dan ai termini tal-Kap. 425 tal-Liġijiet ta' Malta. **Ċertament illi l-kumpanija rikorrenti ma tistax titlob il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni sabiex twaqqaf lill-esponent Direttur milli jitlob lill-Pulizija sabiex jittieħdu passi kriminali fil-konfront tagħha.**

- **Jedd** ***prima facie***

L-esponenti jissottomettu li dak li jrid jigi muri mir-rikorrenti huwa li ghandha jedd li jisthoqq li jigi kkawtelat liema jedd irid ikun wiehed oggettiv u mhux suggettiv u cioe' illi l-jedd irid jidher prima facie jew mal-ewwel daqqa t'ghajn ghal fini ta' dina l-procedura eccezzjonali (ara **Grech pro et noe vs Manfre**[6]). F'dan ir-rigward issir riferenza ghad-Digriet numru 18/12 fejn dina l-Onorabbli Qorti osservat illi "*Din il-qorti trid tghid li procedura bhal dik tal-illum hija intiza sabiex tkun wahda sommarja billi mhux mistenni li jitressaq quddiem din il-qorti kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smiegh tal-kawza dwar l-istess jedd. Mela unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-qorti li tqis pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu".*

Minn analiżi tar-rikors in risposta jirrizulta li ma hemm l-ebda jedd oggettiv. Ir-rikorrenti ma għandhom ebda jedd li jżommu l-ħut in kwistjoni. Tant hu hekk illi l-kumpanija rikorrenti ma ddikjaratx fir-rikors tagħha fuq liema jedd oġġettiv jinsabu msejsa l-pretensjonijiet tagħha. Hi tallega illi l-esponent Direttur Ġenerali m'għandux poter illi jordna rilaxx iżda tonqos milli turi kif hi għandha l-jedd li żżomm il-ħut li tiegħu qiegħed jintalab ir-rilaxx. Għal fini tal-mandat dak li trid tipprova l-kumpanija rikorrenti huwa illi għandha jedd li żżomm il-ħut, xi ħaġa illi naqset milli tagħmel għaliex effettivament ma hemm ebda jedd u dan peress illi kif indikat fl-elenku tal-fatti, il-kwota tal-kumpanija rikorrenti ġiet utilizzata fl-intier tagħha u għalhekk ebda tonn ieħor

[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Lulju 1988.

ma jista' jiddaħħal fil-*fish farm* tagħha. Oltre minn hekk, kif spjegat hawn fuq, fi kwalunkwe każ anke li kieku l-kwota ma ġietx utilizzata, il-perjodu ta' żmien li fih kellu jiddaħħal il-ħut mertu tal-mandat odjern issa għadda;

L-argument li tressaq il-kumpanija rikorrenti hu li l-ħut inqabad b'mod legali u li għandu d-dokumentazzjoni neċessarja. F'dan ir-rigward l-esponenti jsostnu illi fatt illi l-ħut in kwistjoni nqabad b'mod legali u nxtara validament, mhuwiex rilevanti għal fini tal-kwistjoni odjerna u dan peress illi raġuni għaliex il-kumpanija rikorrenti mhijiex qed tiġi awtorizzata żżomm il-ħut mhuwiex minħabba l-mod kif inqabad jew inxtara l-ħut iżda għaliex il-kwota tal-kumpanija rikorrenti ġiet utilizzata kollha u fi kwalunkwe każ it-terminu li fih kellu jiddaħħal it-tonn li nqabad fis-sena 2019 issa għadda.

**<u>Jingħad hawnhekk illi l-ebda proċedura li jaħsbu għaliha r-regolamenti kemm nazzjonali u kemm dawk tal-Unjoni Ewropea, ma tista' qatt twassal sabiex tiġi ssanata l-pożizzjoni tal-ħut mertu tal-każ odjern.</u>**

L-esponenti jissottomettu wkoll li l-ħut ma jistax jibqa' f'din is-sitwazzjoni llegali fejn issa inħoloq speċi ta' *fish farm* illegali minn kull aspett, li ma hu kopert bl-ebda permess jew awtorizazzjoni mid-Dipartiment tas-Sajd, li fih qed jinżamm u jintema' dan it-tonn, liema tonn il-Kummissjoni Ewropea għamlitha ċara li ma jistax jibqa' jinżamm mill-kumpanija rikorrenti. Jingħad hawnhekk ukoll illi l-Kummissjoni Ewropea idderiġiet lill-Istat Malti sabiex jieħu l-passi biex jindirizza din is-sitwazzjoni u sabiex titwaqqaf din l-illegalita'. Ċertament illi f'dawn iċ-ċirkostanzi il-kumpanija rikorrenti ma tistax minflok tottempera ruħha ma dak li jipprovdu r-regolamenti, tippersisti fl-aġir illegali tagħha u titlob il-protezzjoni tal-Qorti tramite l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex tkompli tippersisti f'din l-illegalita'.

Illi l-esponenti jissottomettu wkoll illi l-kumpanija rikorrenti spiċċat fis-sitwazzjoni illi qegħdha fiha llum unikament tort tagħha u dan peress illi ħadet riskju kummerċjali li tixtri aktar tonn milli l-kwota tal-*fish farm* tagħha kienet tippermettilha. Dan setgħet għamlitu forsi bit-tama illi l-Kummissjoni Ewropea tawtorizza lill-Istat Malti jutilizza kwota li ma tkunx ġiet utilizzata ta' Stat Membru ieħor, iżda kif spjegat din l-awtorizzazzjoni qatt ma vverat ruħha. Il-kumpanija rikorrenti kienet taf x'inhi l-kwota tagħha u għaldaqstant ma kelliex tixtri aktar ħut milli tippermettilha l-kwota imbagħad tippretendi illi l-Awtoritajiet ma jieħdu ebda azzjoni.

Illi dan kollu ċertament illi ma jsarrafx f'jedd oġġettiv u għaldaqstant thares minn fejn thares, huwa bil-bosta evidenti li l-kumpanija rikorrenti ma tistax titlob il-hrug ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni ghaliex hi ma ghandha l-ebda jedd lanqas mad-daqqa t'ghajn (prima facie).

- **Il-mandat mhux meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi tar-rikorrenti**

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, anke jekk dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li r-rikorrenti ghandu dritt prima facie x'jikkawtela, haga li l-esponenti ma jaqblux maghha, xorta wahda huwa evidenti li l-mandat mhuwiex mehtieg biex jithares dan il-jedd. Illi certament li hadd ma ghandu l-jedd li jikser il-ligijiet tal-pajjiz u li ma jwegibx ghal tali ksur.

Illi skont il-gurisprudenza nostrana, il-htiega ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni tintrabat mal-kwistjoni dwar jekk il-hsara li minnha r-rikorrent jilmenta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Dan jimplika li r-rikorrenti jgib prova li l-pregudizzju li ser isofri huwa wiehed li ma jistax jitranga u li ma jistax jigi evitat hlief bil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni.

L-esponenti jissottmettu wkoll illi kif tgħallimna l-ġurisprudenza, jekk sitwazzjoni tista' tiġi rimedjata b'azzjoni għar-riżarċiment għad-danni allura l-ħruġ tal-mandat ma jibqax iktar neċessarju u impellenti (ara f'dan is-sens id-digriet ***L-Avukat Dottor John Ludvic Gauci noe vs. Id-Direttur tal-Kuntratti*** ġa fuq imsemmi). L-esponenti jagħmlu referenza wkoll għad-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Computime Limited vs. Malta Information Tecnology Agency et** deċiż fl-14 ta' Diċembru 2012, fejn jingħad illi "*Ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċioè telf ta' qliegħ jew flus*".

Fil-każ odjern, <u>**l-uniku telf li tista' ssofri l-kumpanija rikorrenti jekk il-ħut mertu tal-każ odjern jiġi rilaxxjat, huwa semmai telf pekunjarju**</u> konsistenti f'telf tal-prezz li l-kumpanija rikorrenti ħallset għall-ħut u telf ta' profitti li l-kumpanija rikorrenti jista' jkun illi kienet ser tagħmel minn tali ħut. Peress illi dan jikkostitwixxi biss telf pekunjarju, ċertament illi dan il-preġudizzju ma jistax jitqies illi huwa irremedjabbli u għaldaqstant it-tieni rekwiżit biex ikun jista' joħroġ il-mandat mhuwiex sodisfatt.
Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet anke t-tieni element għall-ħruġ tal-mandat jinsab nieqes billi l-kumpanniji rikorrenti mhumiex ħa jsofru xi preġudizzju irrimedjabbli jekk il-mandat jiġi miċħud.

- **Ir-rikorrenti ma weriex sal-grad rikjest mill-liġi li l-preġudizzju li ser isofri hu sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma**

Illi fl-aħħarnett l-esponenti umilment jissottomettu li r-rikorrenti fl-ebda parti fir-rikors għall-ħrug tal-mandat ta' inibizzjoni ma tindirizza u wisq anqas

tipprova r-rekwizit tal-isproporzjon kif rikjest fl-Artikolu 873 (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dwar dan l-aspett tal-proporzjonalita', meta wiehed jizen il-pregudizzju jew *hardship* li tista' ggarrab ir-rikorrenti ma dak li jista' jsehh li kieku t-talba ghall-hrug tal-Mandat kellha tintlaqa, il-pregudizzju li ser isofru l-esponenti ha jkun wisq akbar minn dak li potenzjalment tista' ggarrab r-rikorrenti. Dan ghaliex jekk il-kumpanija rikorrenti ser titħalla tkompli bl-aġir tagħha, dan ser **ikun ta' detriment kbir ghar-reputazzjoni tal-Istat Malti** li ghandu ordni mill-Kummissjoni Ewropea, (li ma ninsewx għandha kompetenza esklussiva f'din il-materja) biex jiehu l-passi necessarji sabiex din l-illegalita' ma tkomplix tippersisti u minħabba l-mandat mhux ser ikun f'pożizzjoni illi jieħu azzjoni biex l-illegailta' titneħħa. Dan jista' jwassal ukoll għall-sanzjinjiet minn naħa tal-Unjoni Ewropea fuq Malta talli mhijiex qedha tenforza l-liġijiet Ewropej, liema sanzjonijiet jista' jkollhom konsegwenzi fuq l-operat tas-settur kollu kemm hu u dan peress illi l-Kummissjoni għandha l-poter illi tissospendi jew tagħlaq is-settur jekk jirriżultalha illi l-Istat Membru mhux jaderixxi mal-obbligi tiegħu li jirregola u jikkontrolla l-operat tal-*fish farms* tiegħu. Illi min-naha l-ohra, il-kumpanija rikorrenti lanqas biss għamlet referenza għall-preġudizzju illi ser issofri u fi kwalunkwe każ il-kwistjonijiet imqajjma minnha jistgħu se mai jitqajjmu quddiem il-Qrati penali, f'każ illi jinbdew proċeduri kriminali kif hawn fuq spjegat

Illi f'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk meta wiehed iqabbel il-pregudizzju li jista' jsoffri l-Istat ma dak li jistghu isofri r-rikorrenti huwa bil-bosta evidenti li d-dannu li jista' jgarrab l-Istat fl-eventwalita' li jinhareg il-Mandat ta' Inibizzjoni kif mitlub, huwa ferm akbar mid-dannu li jistghu isofri r-rikorrenti li kieku dan il-mandat ma jinharigx.

Illi jsegwi għalhekk illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tiġi miċħuda stante illi l-liġi teħtieġ li l-kumpanija rikorrenti turi tlett elementi biex ikun jistħoqqilha tikseb il-ħruġ ta' tali Mandat. L-ewwel ħaġa li trid turi hi li l-Mandat huwa meħtieġ biex jithares il-jedd pretiz mill-kumpanija rikorrenti, it-tieni ħaġa li l-kumpanija rikorrenti trid turi hu li jidher li *prima facie* għandha dak id-dritt u t-tielet li preġudizzju li sejjer jinħoloq ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma. It-tlett elementi huma **kumulattivi u <u>mhux</u> alternattivi**. Illi fil-każ odjern, jidher bl-aktar mod lampanti li l-kumpanija rikorrenti ma tissodisfa ebda wieħed mir-rekwiżiti neċessarji għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet premessi, l-esponenti jissottometti li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni ghandha tigi michuda, bl-ispejjeż kontra l-kumpanija rikorrenti.

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Jannar 2020 li permezz tiegħu laqgħet proviżorjament it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni pendenti l-eżitu ta' dawn il-proċeduri u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għall-21 ta' Jannar 2020 filwaqt li tat lill-intimati terminu għall-preżentata tar-risposta tagħhom.

Semgħat it-testimonjanza tax-xhieda mressqa fl-udjenza imsemmija, senjatament lil Bjorn Callus prodott mis-soċjetà rikorrenti.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Semgħat it-trattazzjoni orali tal-abbli Avukati tal-partijiet.

Rat illi r-rikors tħalla għal digriet in camera.

Ikkonsidrat.

**Fatti Anteċedenti r-Rikors għall-Mandat ta' Inibizzjoni**

F'Ġunju 2019 is-soċjetà rikorrenti xtrat ammont ta' tonn tal-pinna blu (*bluefin*) mill-Italja u ġie trasportat lejn l-ibħra Maltin. Illum il-ġurnata dan it-tonn jinstab f'gaġeġ imqabbad ma' bastiment tal-irmunkar, liema gaġeġ għalkemm jinstabu fl-ibħra Maltin dawn m'humiex ankrati.

Għalkemm meta nxtara t-tonn dan il-ħut kellu status legali, mit-8 ta' Settembru 2019 l-istatus tiegħu ġie wieħed illegali u dan kif determinat mir-Regolamenti tal-ICCAT (*International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas*) preċiżament il-premessa 95 li tipprovdi li "*[...]fish shall not be caged after 7 September*". Jingħad li meta nxtara it-tonn kellu status legali stante li ai termini tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2016/1627 tal-14 ta' Settembru 2016 dwar pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, sajd għat-tonn bil-purse seine (kif inhu fil-każ odjern) huwa permess fil-Mediterran bejn is-26 ta' Mejju u l-1 ta' Lulju. In oltre, t-tonn tal-pinna blu għandu "jitqiegħed fil-gaġeġ qabel il-

15 ta' Awwissu, sakemm l-Istat Membru jew il-PKK responsabbli għar-razzett tat-tonn li jkun qed jirċievi l-ħut ma jipprovdix raġunijiet iġġustifikati kif xieraq għal dan."[7]

L-Unjoni Ewropeja li għandha kompetenza esklussiva fil-qasam tal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar fil-qafas tal-politika komuni tas-sajd, permezz tal-Kummissjoni bdiet issegwi x'kien qiegħed jiġri minn dan it-tonn u x'kien qiegħed isir min-naħa tal-awtoritajiet lokali sabiex tiġi r-rimedjata l-istat illegali li jinsab fih dan it-tonn. Mix-xhieda ta' Bjorn Callus irriżulta li kien hemm diversi laqgħat mal-Kummissjoni Ewropeja sabiex tiġi riżolta din is-sitwazzjoni u tinstab soluzzjoni għall-istat ta' illegalità fuq deskritta. .

L-operaturi kif ukoll l-awtoritajiet Maltin u dawk Taljani bdew jaħdmu fuq soluzzjoni sabiex tiġi rimedjata din l-illegalità u għalkemm jidher li nstabet xi soluzzjoni din is-soluzzjoni ma ntlaqatx mill-Kummissjoni Ewropeja.

Kien għalhekk li fl-10 ta' Jannar 2020 is-soċjetà rikorrenti ġiet informata mill-intimat Direttur Ġenerali Sajd u Akwakultura li l-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropeja "*informed Malta that it must take action with regards to this situation to rectify it. In this regard, the Fish on tow shall be released, following the conduction of a Control Transfer. The DFA will communicate with you the date of this operation, weather permitting*". Ir-raġuni wara din il-konklużjoni kienet is-segwenti:

1. *"While the fish in question were legally caught, it was not caged at the farms declared in the e-BCDs before the deadline 7 of September set out in paragraph 95 of ICCAT Recommendation 18-02. In any event, Maltese farms do not have the required input capacity to cage it. Therefore, since 8 September 2019 the fish are to be considered as held in an illegal situation.*

[7] Artikolu 40 (5) tar-Regolament (UE) 2016/1627.

2. *In accordance with paragraph 3 (p) of ICCAT Recommendation 18-02 'harvesting' refers to the 'killing of Bluefin tuna in farms or traps'. This also follows from the last sentence of paragraph 71 of Recommendation 18-02. The Commission noted that the fish is not currently being held in any farm or trap.*
3. *'Transhipment' is defined in paragraph 3(q) of Recommendation 18-02 as the unloading of all or any of the dead 'fish on board a fishing vessel to another fishing vessel to another fishing vessel. The bluefin tuna in question is not on board any fishing vessel.*
4. *Any landings or transhipment operations of bluefin tuna must, as per paragraphs 69-72 of Regulation 18-02, take place 'within a designated port'. Moreover, the derogation contained in the last sentence of paragraph 71 applies only to dead fish 'harvested from a trap/cage'."*

In vista tas-suespost, is-soċjetà rikorrenti ħasset il-ħtieġa li tistitwixxi dawn il-proċeduri sabiex twaqqaf lid-Direttur intimat milli jieħu jew jordna "it-tehid ta' passi li jwasslu ghat-tharrib fil-bahar ta' hut Bluefin Tuna".

Ikkunsidrat

Illi l-mandat interpost mis-soċjetà rikorrenti huwa wieħed ġenerali maħsub taħt l-Artikolu 873 tal-Kapitolu 12. Huwa ben saput li l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.[8]

Sabiex jinħareġ dan it-tip ta' mandat il-Qorti trid tistħarreġ jekk ġewx sodisfatti r-rekwiżiti kollha li tirrikjedi l-liġi, speċifikament dawk indikati taħt l-**artikolu 873 (2) tal-Kap. 12** li jipprovdi s-segwenti:

> "(2) Il-Qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

[8] Artikolu 873 (1) tal-Kapitolu 12.

Il-liġi titlob li għandhom jiġu sodisfatti żewġ rekwiżiti, li kif spjegat din il-Qorti kif diversament preseduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Josephine Cutajar vs. Mark Vella** (Mandat Nru 501/2015LSO) deċiża fit-23 ta' April 2015:

> "Dawn iż-żewġ elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal ħruġ ta' mandat bħal dak; inoltre huma kriterji oġġettivi u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Dan għaliex il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita."

In vista tan-natura tal-intimati, f'dan il-każ huwa applikabbli wkoll l-**Artikolu 873 (3):**

> "(3) Il-Qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħarigx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma"

Għaldaqstant bil-liġi s-soċjetà rikorrenti trid tissodisfa tlett elementi sabiex jistħoqqilha tikseb il-ħruġ tal-mandat: (a) trid turi li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu jeddijiet li tippretendi li għandha, (b) ir-rikorrenti tkun tidher li għandha, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet, u (c) li r-rikorrenti sejra tbagħti preġudizzju sproporzjonat.

Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux suġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant. Ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawża **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfrè** li *'huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant. Jew il-jeddijiet jidhru prima facie, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.'*

Illi bl-użu tal-kelma 'u' fit-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 873, il-leġislatur ried li ż-żewġ elementi ikunu kumulattivi u mhux alternattivi. B'żieda ma' dawn iż-żewġ elementi, mandati fil-konfront tal-gvern għandhom jissodisfaw it-tielet element. B'dan ifisser għalhekk illi jekk wieħed minn dawn it-tlett elementi jkun nieqes, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Tajjeb jingħad ukoll li l-proċedura tal-mandat huwa wieħed sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smiegħ tal-kawża dwar l-istess jedd, huwa għalhekk li r-rikorrenti trid turi mad-daqqa t'għajn li hija għandha jedd.

Illi jeħtieġ lill-Qorti wkoll li flimkien maż-żewġ elementi surreferiti, tikkonsidra l-element tal-preġudizzju. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli.[9] B'irrimedjabbli wieħed għandu jfisser li *'bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat'.* Il-preġudizzju li l-parti rikorrenti tkun trid twaqqaf irid ikun wieħed li ma jkunx hemm rimedju ieħor għalih jekk mhux bil-ħruġ tal-Mandat, tant li jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħrug tal-Mandat. Huwa

[9] **Muriel Thake vs. Lars Olav Valdemar Grill et** (Mand. Inib. Nru 1712/2017) deċretat fis-27 ta' Diċembru 2017.

għalhekk li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali.[10]

Għandu jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

Ikkunsidrat

**L-Eccezzjoni Preliminari tal-Avukat tal-Istat li mhux il-Leġittimu Kontradittur**

L-intimat Avukat tal-Istat fir-risposta tieghu jeċċepixxi preliminarjament illi huwa ma hux il-leġittimu kontradditur stante li "mill-mandat in risposta li t-talba kif inhija mpostata hija diretta unukament lejn id-Direttur Ġenerali tas-Sajd".

Il-Qorti tagħraf illi l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari bħal ma hi l-eċċezzjoni fuq il-leġittimu kontradittur "m'humiex, ġeneralment, ammissibbli f'din l-istanza. Dan jingħad għaliex it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat m'għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwestjonijiet ta' eċċezzjonjiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak"[11]. L-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari huma kwistjonijiet solitu mħollija għal Qorti li tkun vestitá bl-eżami tal-kwistjoni fuq il-mertu. Dan magħdud din il-

[10] **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** (Rik Nru 2086/1997) degretat fil-25 ta' Jannar 2005; **Angelo Xuereb vs Marin Hili** (Rik Nru 3135/94) degretat fit-22 ta' Settembru 1995.

[11] **JF Security and Consultancy Services Limited vs Dipartiment tal-Kuntratti et** (Mandat Nru 977/2012 JRM) degretat mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla deciz fit-30 ta' Lulju 2012.

Qorti però tagħraf li ġurisprudenza m'hijiex waħda konsistenti fuq din il-materja[12].

In vista ta' din il-Qorti sejra brevement teżamina l-eċċezzjoni preliminari qabel tidħol fil-meritu tal-mandat mitlub. Mill-qari tat-talba u ċioe li żżomm milli "tiehu jew tordna it-tehid ta' passi li jwasslu għat-tharrib fil-bahar ta' hut Bluefin Tuna" u mid-dokumenti prodotti mis-soċjetà rikorrenti stess jirriżulta li huma ġew informati bil-pass li ser jittieħed mid-Direttur Ġenerali Sajd u ma jidher li ma kien hemm l-ebda involviment tal-Avukat tal-Istat. Għaldaqstant fil-fehma tal-Qorti din l-eċċezzjoni hija fondata u l-Avukat tal-Istat għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra s-soċjetà rikorrenti.

Ikkunsidrat

**Jedd *prima facie***

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax li t-talba tas-soċjetà rikorrenti kif postulata hija ferm wiesgħa. Dak li qiegħda tippretendi l-imsemmija soċjetà huwa li żżomm lill-intimat milli "tiehu jew tordna it-tehid ta' passi li jwasslu ghat-tharrib fil-bahar ta' hut Bluefin Tuna". Din it-talba tagħti l-impressjoni lil din il-Qorti li hija għandha żżomm lid-Direttur Ġenerali Sajd milli jipproċedi bi proċeduri ġudizzjarji kif meħtieġ bil-liġi. Kien biss waqt it-trattazzjoni, fuq stedina tal-Qorti, li ġie dikjarat mis-soċjetà rikorrenti li t-talba tagħha kienet intiża sabiex jinżamm it-tħarrib tal-ħut sakemm jittieħdu l-proċeduri ġudizzjarji senjalati fil-Kapitolu 425 (Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd). Dan spjegat però il-Qorti hija tal-fehma li trattazzjoni ma tistax tbiddel dak li ntalab.

Fi kwalunkwe każ jirriżulta mix-xhieda tal-Aġent Direttur Ġenerali Sajd u Akwakultura Bjorn Callus li l-korrispondenza li kien bagħat lis-soċjetà

[12] Ara **Rosette Thake et vs. L-Awtorità tal-Ippjanar et** (Mandat Nru 545/2016 JPG) degretat mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-10 ta' Mejju 2016. Ara wkoll Park Hotel Ltd et vs. Malta Tourism et (Mandat Nru 799/2019 RGM) deġretat minn din il-Qorti kif preseduta fl-1 ta' Lulju 2019.

rikorrenti fl-10 ta’ Jannar 2020 ma kienitx deċiżjoni tiegħu iżda kien qiegħed jinforma lis-soċjetà rikorrenti b’dak li kienet qaltlu li għandu jsir il-Kummissjoni Ewropeja. Ix-xhud qal li huwa ried li l-istat tal-illegalità tal-ħut tiġi riżolta tant li kienu qegħdin jesploraw soluzzjonijiet oħra. Jispjega ukoll iżda li jekk is-soċjetà rikorrenti mhux sejra tirrilaxxa l-ħut bona volontà tagħha huwa jkun kostrett jipproċedi bi proċeduri kriminali u dan għaliex kif jgħid ix-xhud stess huwa m’għandux il-kompetenza jħarrab il-ħut mingħajr ma jirrikorri l-Qorti. Mit-trattazzjoni tal-intimat donnu wieħed jifhem illi l-awtorita' intimata kompetenti ma ħaditx il-passi ġudizzjarji kontra s-soċjeta' rikorrenti minħabba l-akkoljiment provviżorju tal-mandat de quo.

L-għan ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa li żżomm lil xi ħadd milli jagħmel dak li kien bi ħsiebu jagħmel. Ma jistax pero' jintuża sabiex awtorita' pubblika titwaqqaf milli tistitwixxi proċeduri ġudizzjarji kontra min tħoss li kiser il-liġi. Kif ingħad diversi drabi, “*ir-rabta ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni m’għandhiex tintuża bħala arma ta’ theddid jew ġegħil (arm twisting) lill-parti intimta li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B’dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hija tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta’ Inibizzjoni jinbidel f’arma bħal din.*”[13]

Mingħajr preġudizzju għal dak hawn ikkunsidrat, din il-Qorti tissottolinea dak li stqarr id-Direttur fir-risposta tiegħu – l-intimat Direttur spjega fid-dettal fir-risposta tiegħu li l-Istati Membri huma kostretti bi kwoti determinati mill-Kunsill tal-Ministri tal-Unjoni Ewropeja ta’ kemm jistgħu jiddaħħlu tonn tal-pinna blu fil-*fish farms* tagħhom. L-Anness IV tar-Regolament 2019/124[14] stabilixxa li l-ammont ta’ tonn tal-pinna blu li Malta tista’ iddaħħal fil-gaġeġ għas-sena 2019 kellu jkun ta’ 8,786 tunnellata. Dan l-ammont jiġi maqsum bejn l-operaturi Maltin u kien għalhekk li s-soċjetà rikorrenti fis-sena 2019

[13] **Geoffrey Bartolo vs. il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku et** (Mandat Nru 1737/2017 JRM) degretat mill-Qorti Ċivili, Prim’Awla fl-4 ta’ Jannar 2018.
[14] Regolament 2019/124 tat-30 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

kellha b'kollox kwota ta' 2,285.888 tunnellata. Ma kienx ikkontestat mis-soċjetà rikorrenti li l-kwota allokata lilha ġiet utilizzata fl-intier tagħha u għalhekk ma setgħa jiddaħħal ebda tonn ieħor fil-*fish farm* tagħha fis-sena 2019.

Kif spjegat ukoll aktar 'l fuq, it-tonn li jinstab fil-gaġeġ mertu ta' dawn il-proċeduri illum il-ġurnata għandu status illegali u ilu hekk mit-8 ta' Settembru 2019 għar-raġunijiet ġja spjegati. Magħdud ma' dan, dan l-istess ħut ma jistax jinqatel u jinbiegħ u dan peress li r-Regolament 2016/1627 surreferit jispjega li l-ħsad (il-qtil) jista' jsir biss fuq tonn li jinstab fl-irziezet tat-tonn jew fit-tunnari; fil-każ odjern jirriżulta li t-tonn jinstab f'purse seiner.

Għall-finijiet tal-jedd li għandu jiġi mħares f'talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan, il-jedd irid ikun wieħed li min jitlob il-ħruġ tal-Mandat irid jirriżulta li prima facie igawdi tali jedd. Jidher mad-daqqa t'għajn li ġaladarba s-soċjetà rikorrenti eċċediet il-kwota allokata lilha, l-imsemmija soċjetà m'għandhiex il-jedd *prima facie* li qiegħda tippretendi li għandha. Di più, din il-Qorti tqis ukoll li *prima facie* dan it-tonn jidher li qiegħed fi stat ta' illegalità. Kif tajjeb ikkonkludiet din il-Qorti, diversament presjeduta, fid-digriet tagħha tal-20 ta' Novembru 2014 fl-ismijiet **John Mary sive Jimmy Vella et vs. L-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar f'Malta** (Mandat Nru 295/2014 SM)

> "l-ebda stat ta' illegalita' espressa ma' tista' taghti lok ghal xi dritt kwezit li permezz tieghu r-rikorrent odjern jista' jippretendi li l-illegalita' insita' li jinsab fiha taghtih xi drittijiet, u dan ukoll ghaliex *ex turpi causa non oritur actio*"

Referenza ssir ukoll għal dak deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Tarcisio Borg vs. Onor. Prim Ministru et** (App. Kost. Nru 61/2011) deċiża fit-12 ta' Jannar 2015 fejn ġie ritenut li

> "Jekk, f'dan l-istadju, l-attur jitħalla, issa b'mandat kawtelatorju, jwaqqaf it-twettiq tal-avviż u hekk ikompli jtawwal aktar iż-żmien biex tiġi rimedjata l-illegalità milquta bl-avviż, b'hekk tiġi mxekkla aktar milli

huwa xieraq l-awtorità fdata bil-ħarsien tal-liġijiet tal-ippjanar fil-qadi tad-dmir pubbliku tagħha. Il-liġi ma hijiex maħsuba u ma għandhiex tiġi interpretata b'mod illi tgħin lil min jinsab fi stat ta' illegalità jkompli jgawdi minn dik l-illegalità u illi tiffrustra lil min għandu d-dmir li jara li l-liġi titwettaq."

Huwa evidenti illi bir-rikors tagħha s-soċjeta' rikorrenti qed tittenta bil-mezzi ġudizzjarji tipperpetwa stat ta' illegalita' li ċertament ma jikwalifikax bħala "jedd" li jistħolqu l-protezzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni fit-termini tal-Artikolu 873 tal-Kap. 12.

Din il-Qorti tagħlaq il-konsiderazzjonijiet tagħha billi tiċċita b'approvazzjoni dak li kellha xi tgħid f'dan ir-rigward din il-Qorti diversament presjeduta fid-digriet tagħha mogħti fl-atti tar-rikors għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet **Philip Borg vs. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et** (Mandat Nru 91/2018 JRM) mogħti fis-16 ta' Frar 2018:-

"*jedd li jitħares bil-ħruġ tal-Mandat ma jistax ikun stat ta' illegalità u lanqas jista' jinħareġ Mandat bħal dak biex iżomm fis-seħħ stat ta' ksur kontinwu tal-liġi.*"

Ikkunsidrat

**Danni**

Ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta tkun tirreferi għal telf pekunjarju ċioe telf ta' qligħ jew flus. Skont l-insenjament mogħti fid-digriet tat-13 ta' Mejju 2014 fl-ismijiet **Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et** (Mandat Nru 390/2014 JRM) "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.".

Il-Qrati tagħna elaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla fil-kawża fl-ismijiet **Angelo Xuereb et noe vs. Marin Hili et noe** (Rik Nru 3135/94) tispjega li "il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata".

Irriżulta minn dawn il-proċeduri illi l-awtorita' kompetenti ma hiex beħsiebha tenforza ordni biex tħarrab il-ħut qabel ma tieħu passi bil-Qorti. Fi kwalunkwe każ, anke jekk għas-saħħa tal-argument dan kellu jseħħ, il-pretensjoni tas-soċjeta' rikorrenti tkun waħda għad-danni u għalhekk ma tikwalifikax bħala dannu irrimedjabbli li jista' biss ikun kawtelat bil-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi r-rikors tas-soċjeta' rikorrenti tal-10 ta' Jannar 2020, kif ukoll tiddisponi mir-risposti tal-intimati bil-mod segwenti:-

1. Tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat tal-Istat u tiddikjara li ma huwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u għalhekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Tilqa' l-eċċezjonijiet kollha sollevati mill-intimat Direttur Ġenerali tas-Sajd u Akwakultura;

3. Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-10 ta' Jannar 2020 sa fejn kienet laqgħet ir-ikors de quo b'mod provviżorju;

4. Tiċħad it-talba tas-soċjeta' rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

Bl-ispejjeż ta’ din il-proċedura jitħallsu mis-soċjeta' rikorrenti.  .

**Moghti kameralment illum 7 ta' Frar 2020**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**